**3 ta' Diċembru, 1963**

**Imħallef:**

**Onor. Edoardo Magri, LL.D.**

Frances armla Falzon

*versus*

Gaetano Spiteri, et

**Xhud — Produċibilità ta' — Rilevanza**

*Kwistjoni dwar meta xhud huwa verament rilevanti għall-kawża u għalhekk produċibili.*

Il-Qorti, rat il-verbal tal-ħamsa (5) ta' Diċembru, 1961, fejn l-attriċi talbet li tipproduċi xhieda biex tipprova l-fatti ndikati bħala kawżali fiċ-ċitazzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni oppożitorja tal-konvenut Podestà nomine;

Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-attriċi u tal-konvenut Podestà nomine;

Rat l-atti tal-kawża u dawk tar-rikors fl-ismijiet "Frances Falzon vs Gaetano Spiteri (Nru. 802/60) li ġie mħolli "Sine die" quddiem il-Qorti tal-Appell tal-Maestà tar-Reġina fis-sbatax (17) ta' April, 1961, u s-sentenza tal-istess Qorti tal-Appell tal-erbgħa u għoxrin (24) ta' Marzu, 1961, li jinsabu allegati ma dana l-proċess;

Rat id-dikjarazzjoni tal-attriċi li fiha jidħru ndikati x-xhud Paolo Galea u uffiċjali oħra tad-Dipartiment tal-Housing biex jixhdu fuq il-fatti li taw lok għal ħruġ tar-Requisition Order infiċiata;

Semgħet l-Avukati tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Li l-produzzjoni ta' xhud ma tistax tiġi ostakolata, "a priori" jekk dana huwa regolarment dikjarat;

Li kwalunkwe kwistjoni dwar il-validità tar-Requisition Order impunjata hija mertu tal-kawża u ma tistax tinfluwixxi fuq il-produċibilità tax-xhud;

Li x-xhieda mitluba mill-attriċi għandhom l-iskop li jagħtu skjarimenti fuq il-fatti li taw lok għal kawża, u b'ebda mod, għalissa, ma jistgħu jindebolixxu l-prinċipju allegat mill-konvenut Podestà nomine tal-insindakabilità tar-Requisition Order;

Li anke l-motiv li għalih il-Qorti tal-Appell, fil-kawża riferita, issoprasjedit, jinduċi lil dina l-Qorti li jkollha l-opportunità li tisma' l-provi kollha tal-inċident fil-kontradittur

tal-konvenut Podestà nomine;

Għal dawna l-motivi, tilqa' t-talba tal-attriċi għal produzzjoni tax-xhud Paolo Galea, salvo, jekk ikun il-każ, li l-attriċi tindika b'nota l-isem tax-xhieda l-oħra, uffiċjali tad-Dipartiment tal-Housing, li tkun trid tipproduċi, liema nota għandha tiġi preżentata fiż-żmien tmien tijiem, bil-visti tal-kontraparti. L-ispejjeż ta' dana l-inċident jibqgħu definitivament a karigu tal-konvenut Podestà nomine.